# SKEMI KUMMERĊJALI APPLIKABBLI GĦALL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW

Il-politika tal-iżvilupp tal-UE tenfasizza l-importanza tal-kummerċ u tiffoka fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. L-Iskema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-UE toffri lil xi prodotti tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE. Il-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika jiżguraw trattament kummerċjali preferenzjali għall-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, filwaqt li l-iskema Kollox ħlief Armi tapplika għall-pajjiżi l-anqas żviluppati. Dawn l-iskemi huma konformi mar-regoli tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO).

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

Il-bażi ġuridika tal-politika kummerċjali komuni hija l-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 188(2) tat-TFUE jistipula li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja, li tirrikjedi l-approvazzjoni tal-Parlament, tapplika għall-implimentazzjoni tal-politika kummerċjali komuni.

Taħt l-Artikolu 218 tat-TFUE, hi meħtieġa l-approvazzjoni tal-Parlament għall-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali internazzjonali bħal ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE). Is-setgħa tal-Parlament żdiedet mhux biss bis-saħħa tat-Trattat ta' Lisbona, li jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja, iżda wkoll permezz tal-prassi matul il-mandat parlamentari attwali. L-impenn kontinwu tiegħu favur trasparenza akbar fin-negozjati kummerċjali wassal biex il-President tal-Kummissjoni Juncker, fid-diskors tiegħu ta' Settembru 2017 dwar l-Istat tal-Unjoni, ħabbar li l-mandati kollha ta' negozjar ser jiġu deklassifikati.

## KUMMERĊ U ŻVILUPP TAL-UE

Il-Komunikazzjoni tal-UE tal-2012 dwar "Il-kummerċ, it-tkabbir u l-iżvilupp — It-tfassil tal-politika tal-kummerċ u tal-investiment għal dawk il-pajjiżi l-iktar fil-bżonn" tirrifletti bidla fil-paradigma tal-UE tal-"kummerċ u l-iżvilupp". Għalkemm hija kompliet tqiegħed il-kummerċ fiċ-ċentru tal-istrateġiji tal-iżvilupp, saħqet fuq il-ħtieġa dejjem ikbar li jsir divrenzjar ulterjuri bejn il-pajjiżi li qed jiżviluppaw biex il-fokus ikun fuq il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn. Stabbiliet ukoll l-għan li ttejjeb is-sinerġiji bejn il-politiki kummerċjali u dawk tal-iżvilupp, bħall-prinċipju tal-UE ta' koerenza tal-politiki għall-iżvilupp u l-Komunikazzjoni tal-Aġenda għall-Bidla tal-2011[1], kif ukoll iddikjarat mill-ġdid l-importanza tar-rispett ta' valuri fundamentali tal-UE bħad-drittijiet tal-bniedem.

[1]"Inżidu l-impatt tal-Politika tal-UE għall-Iżvilupp: Aġenda għall-Bidla" (COM(2011)0637).

Fil-livell multilaterali, l-UE tappoġġa l-Aġenda ta' Żvilupp tad-WTO mnedija f'Doha fl-2001. F'Ottubru 2015, hija rratifikat il-Ftehim ta' Faċilitazzjoni tal-Kummerċ konkluż fid-Disa' Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Bali, li huwa partikolarment importanti għall-pajjiż li qed jiżviluppaw u l-pajjiżi mdawrin bl-art. Fl-Għaxar Konferenza Ministerjali tad-WTO, l-UE, flimkien ma' diversi membri oħra tad-WTO, kienet attiva fil-promozzjoni ta' kwistjonijiet oħra ta' interess għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw. Madankollu, in-nuqqas ta' riżultati mill-11-il Konferenza Ministerjali tad-WTO fi Buenos Aires ta' Diċembru 2017 xekkel il-kisba ta' riżultati ulterjuri għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

L-Inizjattiva għajnuna għall-kummerċ, li ġiet varata fil-Konferenza Ministerjali tad-WTO f'Diċembru 2005, tikkomplementa l-Aġenda ta' Doha għall-Iżvilupp u tipprovdi assistenza għall-bini tal-kapaċitajiet kummerċjali sabiex jinħolqu t-tkabbir u jiġi miġġieled il-faqar. Fl-2007, l-UE adottat strateġija li ġiet aġġornata biex tikkonforma mal-Aġenda tal-2030 tan-NU, il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp u l-Istrateġija Globali. F'Lulju 2017, il-Kummissjoni ħarġet rapport, li kien segwit minn komunikazzjoni ġdida f'Novembru 2017. Fil-11 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar dan, u l-Parlament organizza seduta ta' smigħ f'Awwissu 2017.

## L-ISKEMA ĠENERALIZZATA TA' PREFERENZI

L-iskop tal-iskema tal-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SĠP) hu li pajjiżi u t-territorji li qed jiżviluppaw ikollhom aċċess faċilitat għas-suq tal-UE permezz tat-tnaqqis tat-tariffi fuq il-prodotti tagħhom. Oriġinarjament, l-UE tat preferenzi tariffarji unilaterali bil-għan li tiġġenera dħul addizzjonali mill-esportazzjoni għal pajjiżi li qed jiżviluppaw biex dan ikun jista' jiġi investit mill-ġdid fl-iżvilupp sostenibbli tagħhom stess. Taħt ir-riforma tal-2012[2], l-iskema tal-SĠP kienet immirata aktar lejn dawk il-pajjiżi l-aktar fil-bżonn — il-pajjiżi l-anqas żviluppati (LDCs) — filwaqt li nżammu t-tliet komponenti tal-iskema. L-ewwel waħda hija SĠP standard: arranġament kummerċjali awtonomu li permezz tiegħu l-UE toffri lil ċerti prodotti barranin aċċess preferenzjali mhux reċiproku għas-suq tal-UE fil-forma ta' tariffi mnaqqsa jew tariffi żero. It-tieni element, SĠP+, hu arranġament speċifiku ta' inċentiv li joffri tnaqqis tariffarju lill-pajjiżi vulnerabbli li jkunu rratifikaw u implimentaw konvenzjonijiet internazzjonali fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem u tax-xogħol, tal-ambjent u tal-governanza tajba. It-tielet element hija l-inizjattiva Kollox ħlief Armi (EBA), li tiggarantixxi aċċess ħieles mid-dazji u mill-kwoti lejn l-UE għall-prodotti kollha ħlief armi u munizzjon għal 48 pajjiż fost dawk l-anqas żviluppati.

Il-kriterji ta' eliġibilità għall-SĠP standard — li toffri tnaqqis fid-dazji għal madwar 66 % tal-linji tarrifarji kollha — ġew ristretti biex jinkludu biss l-aktar pajjiżi vulnerabbli b'introjtu baxx jew medju-baxx. Bħala riżultat, il-grupp ta' benefiċjarji tnaqqas b'mod sostanzjali, minn 176 għal 23 tul il-perjodu 2016-2017, u kien jinkludi 16 fl-2019, filwaqt li l-pajjiżi kklassifikati mill-Bank Dinji bħala pajjiżi b'introjtu għoli jew b'introjtu medju-għoli tneħħew progressivament mill-iskema.

SĠP+, l-arranġament speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba, għadu jipprevedi li jixxejnu d-dazji għal madwar 66 % tal-linji tariffarji kollha li huma identifikati

[2]Ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).

taħt l-SĠP standard għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw li huma meqjusa bħala vulnerabbli. Madankollu, din saret bil-kundizzjoni tar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' 27 konvenzjoni internazzjonali b'rilevanza għall-iżvilupp sostenibbli, inklużi konvenzjonijiet bażiċi dwar id-drittijiet tal-bniedem, konvenzjonijiet dwar id-drittijiet tax-xogħol, ċerti konvenzjonijiet relatati mal-protezzjoni ambjentali u konvenzjonijiet relatati mal-ġlieda kontra l-produzzjoni u t-traffikar illegali tad-droga. In-nuqqas ta' konformità ma' dawn ir-rekwiżiti jirriżulta f'sospensjoni tal-konċessjoni tariffarja. Il-lista tal-benefiċjarji tkopri tmien pajjiżi. Dawn iż-żewġ skemi tal-SĠP se jkunu validi sa Diċembru 2023.

L-inizjattiva EBA tagħti aċċess ħieles mid-dazji u mill-kwoti għal perjodu illimitat għall-prodotti kollha, ħlief armi u munizzjon, importati minn 48 pajjiż LDCs. Fost dawn, 34 huma pajjiżi Afrikani, tmienja huma Asjatiċi, ħamsa huma pajjiżi tal-Paċifiku u pajjiż wieħed jinsab fil-Karibew (Ħaiti). Il-pajjiżi kollha li ffirmaw u rratifikaw Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) mal-UE awtomatikament se jieqfu jgawdu minn trattament preferenzjali, ikun x'ikun il-livell ta' żvilupp tagħhom.

## FTEHIMIET TA' SĦUBIJA EKONOMIKA

Il-FSE saru l-istrumenti ewlenin li jippromwovu l-kummerċ bejn l-UE u r-reġjuni tal-Afrika, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) taħt il-Ftehim ta' Cotonou tal-2000. Dawn huma s-sisien fundamentali tar-relazzjonijiet kummerċjali bejn l-UE u l-AKP, wieħed mit-tliet pilastri tal-ftehim, u huma mfassla biex ikunu kompatibbli mal-WTO. Huma progressivament qegħdin jieħdu post ir-reġim kummerċjali preferenzjali unilaterali tal-UE.

Sa mill-bidu tal-2002, in-negozjati dwar il-ftehimiet ta' sħubija ekonomika kienu mistennija li jiġu konklużi sal-2008. Minħabba l-fatt li l-proċess tan-negozjati ħa aktar ħin milli previst, l-UE adottat regolament dwar l-aċċess għas-suq bil-għan li jiġu żgurati arranġamenti temporanji għall-aċċess għas-suq sal-2014, li sussegwentement ġie estiż għal sentejn, sakemm jiġu konklużi, iffirmati u rratifikati l-FSE. Il-proċess ma wettaqx id-dimensjoni reġjonali maħsuba għax, mad-data tal-iskadenza tar-Regolament dwar l-Aċċess għas-Suq (l-1 ta' Ottubru 2016), kienu biss żewġ reġjuni sħaħ li kienu ffirmaw FSE — li għadu ma ġiex ratifikat — u FSE reġjonali wieħed biss kien fis-seħħ. Il-FSE għandhom jinżammu anke jekk il-Ftehim ta' Cotonou jiskadi fi Frar 2020 u jkomplu jaqdu rwol ċentrali fis-sħubija ta' Cotonou.

## IS-SITWAZZJONI ATTWALI[3]

L-FSE tal-Forum tal-Karibew (Cariforum) kien l-ewwel ftehim reġjonali li ġie ffirmat, f'Ottubru 2008, u ġie approvat mill-Parlament fil-25 ta' Marzu 2009. Dan jinsab attwalment fis-seħħ b'mod proviżorju, u mill-2010 'l hawn saru laqgħat regolari bejn l-istituzzjonijiet konġunti tal-FSE. Dan ġie rivedut l-ewwel darba fl-2015 u l-aħħar laqgħa tal-istituzzjonijiet konġunti saret f'Diċembru 2018 f'Castries, Saint Lucia, u l-Kunsill Konġunt tal-Ministri se jiltaqa' tard fl-2019 jew fil-bidu tal-2020.

L-Afrika tal-Punent: in-negozjati dwar il-FSE reġjonali bejn l-UE u 16-il pajjiż tal-Afrika tal-Punent intemmu fi Frar 2014, u t-test ġie inizjalat fit-30 ta' Ġunju 2014. Fl-10 ta' Lulju 2014, dan imbagħad ġie approvat mill-kapijiet ta' stat tal-Komunità Ekonomika tal-Istati tal-Afrika tal-Punent (ECOWAS). L-Istati Membri kollha tal-UE u

15-il pajjiż tal-Afrika tal-Punent, ħlief in-Niġerja, iffirmaw il-FSE. Fid-9 ta' Awwissu 2017, il-Mawritanja u l-ECOWAS iffirmaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex jiddefinixxu l-parteċipazzjoni tal-pajjiż fil-politika ta' kummerċ tal-ECOWAS, inkluż il-FSE. Sadattant, il-Kosta tal-Avorju u l-Ghana ffirmaw FSE "interim" bilaterali fis-26 ta' Novembru 2008 u fit-28 ta' Lulju 2016 rispettivament. Fl-1 ta' Diċembru 2016, il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu u ż-żewġ ftehimiet interim qed jiġu applikati b'mod proviżorju. L-aktar laqgħat reċenti tal-Kumitat Konġunt tal-FSE interim mal-Kosta tal-Avorju u mal-Ghana saru f'Marzu 2018 f'Abidjan u f'Jannar 2018 f'Akkra, rispettivament. Il-laqgħat li jmiss se jsiru matul l-ewwel nofs tal-2019.

L-Afrika Ċentrali: Il-Kamerun kien l-uniku pajjiż fl-Afrika Ċentrali li ffirma l-FSE mal-UE, u għamel dan fil-15 ta' Jannar 2009. Il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu f'Ġunju 2013. F'Lulju 2014, il-Parlament tal-Kamerun irratifika l-ftehim, li daħal f'applikazzjoni proviżorja fl-4 ta' Awwissu 2014. Ir-raba' laqgħa tal-Kumitat tal-FSE saret fi Frar 2019 f'Yaoundé, il-Kamerun, u dik li jmiss hija skedata għal Diċembru 2019 fi Brussell. Sadanittant, bejn ir-reġjun u l-UE għaddejjin kuntatti dwar l-adeżjoni ta' pajjiżi oħra tal-Afrika Ċentrali, iżda għadu ma ġie ffirmat l-ebda FSE reġjonali.

Il-Lvant u n-Nofsinhar tal-Afrika (ESA): fl-2009, erba' pajjiżi fir-reġjun (il-Mauritius, is-Seychelles, iż-Żimbabwe u l-Madagascar) iffirmaw FSE li ilu jiġi applikat b'mod proviżorju mill-14 ta' Mejju 2012. Il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu fis-17 ta' Jannar 2011. Il-Ftehim huwa miftuħ għal pajjiżi oħra u l-Comoros iffirmawh f'Lulju 2017. Kien hemm seba' laqgħat tal-Kumitat Interim tal-FSE ESA-UE, u l-aktar waħda reċenti saret f'Jannar 2019 fi Brussell, u dik li jmiss hija skedata li ssir fis-Seychelles lejn l-aħħar tal-2019.

Il-Komunità tal-Afrika tal-Lvant (EAC): fis-16 ta' Ottubru 2014, in-negozjati għall-FSE reġjonali ġew konklużi b'suċċess. Fl-1 ta' Settembru 2016, il-Kenja u r-Rwanda ffirmaw il-FSE, kif għamlu l-Istati Membri tal-UE u l-UE. Il-proċess ta' ratifika għadu għaddej mal-Kenja u r-Rwanda. L-Uganda u l-Burundi qed jikkunsidraw b'mod attiv li jiffirmaw l-FSE. Fil-11 ta' Novembru 2016, il-Membri Parlamentari tat-Tanzanija sfortunatament ivvutaw kontra r-ratifika tal-FSE. Fi Frar 2019, l-EAC qablet li torganizza diskussjonijiet ulterjuri mal-UE dwar kwistjonijiet ta' tħassib għal xi Stati Membri tal-EAC.

Il-Komunità għall-Iżvilupp tan-Nofsinhar tal-Afrika (SADC): wara għaxar snin ta' negozjati, in-negozjati dwar il-FSE ġew konklużi b'suċċess f'Lulju 2014. Il-ftehim ġie ffirmat f'Ġunju 2016 mill-UE u mill-Grupp tal-FSE tal-SADC, li jikkonsisti minn sitta mill-15-il membru tal-SADC (il-Botswana, il-Lesoto, il-Mozambique, in-Namibja, is-Swaziland u l-Afrika t'Isfel), u daħal fis-seħħ b'mod proviżorju f'Ottubru 2016 wara li l-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu f'Settembru 2016. Il-Mozambique rratifika l-ftehim f'April 2017. L-Angola għandha status ta' osservatur u hemm possibbiltà li tingħaqad mal-ftehim fil-ġejjieni. L-ewwel laqgħa tal-Kumitat konġunt għall-Kummerċ u l-Iżvilupp saret fi Frar 2017, u kienet segwita minn laqgħa oħra f'Ottubru 2017. It-tielet waħda saret fi Frar 2018. Wara d-dħul fis-seħħ proviżorju tal-ftehim, il-partijiet indirizzaw kwistjonijiet ta' implimentazzjoni, inkluż dwar il-monitoraġġ u l-involviment tas-soċjetà ċivili u l-qafas istituzzjonali għall-ftehim. L-ewwel laqgħa konġunta tal-Kunsill saret fi Frar 2019, f'Cape Town, l-Afrika t'Isfel, u adottat il-qafas istituzzjonali tal-FSE .

Il-Paċifiku: il-FSE ġie ffirmat mill-UE u mill-Papua New Guinea f'Lulju 2009 u mill-Fiġi f'Diċembru 2009. Il-Parlament ta l-approvazzjoni tiegħu f'Jannar 2011. Il-Parlament tal-Papua New Guinea rratifika l-FSE f'Mejju 2011 u f'Lulju 2014 il-Fiġi ddeċidew li jibdew japplikaw il-FSE b'mod proviżorju. F'Lulju 2018, Tonga esprimiet l-intenzjoni tagħha li taderixxi mal-FSE. In-negozjati għadhom għaddejjin mal-Gżejjer Solomon, u Samoa reċentement temmet il-proċess ta' adeżjoni tagħha għall-FSE — li ilu fis-seħħ fuq bażi proviżorja minn Diċembru 2018. Saru sitt laqgħat tal-Kumitat tal-Kummerċ tal-FSE interim tal-Istati tal-UE u l-Paċifiku: f'April 2011 u fi Frar 2012 f'Port Moresby u f'Lulju 2013, f'Ġunju 2015 u f'Ottubru 2017 fi Brussell. L-aktar laqgħa reċenti tal-Kumitat tal-Kummerċ saret f'Ottubru 2018 fi Brussell u l-laqgħa li jmiss hija skedata għal nofs l-2019.

Gonzalo Urbina Treviño
04/2019